# Xi Koppin li siefru lejn l-Afrika ta' Fuq u l-Ewropa bejn l-1870 u l-1940

*Kitba ta' Dr Mario Cassar*
*Ph.D. (Maltese Studies)*

## Nota Editorjali

Kontributur regolari ieħor li dis-sena żamm ukoll l-appuntament magħna huwa Dr Mario Cassar, li fis-snin l-imgħoddija għoġbu jippreżentalna diversi riċerki dwar il-ħajja tal-Koppin ta' madwar mitt sena ilu. L-artikli ta' Dr Cassar, ippreżentati fl-isfond tal-ħajja rurali tar-raħal, ikunu kultant kuntrastanti mal-ħajja proprja tar-raħlin u dan għax inkludew is-safar u d-dritt tal-vot. Kif wieħed jista' jobsor, minn dawn insibu ftit għexieren dwar kull suġġett, iżda xorta jibqa' l-fatt li dal-kitbiet huma imprezzabbli għal min jgħożż l-istorja ta' raħal twelidu u jinteressa ruħu f'kulma kien jew għadu jseħħ f'Ħal Kirkop. Is-safar li l-Koppin ħtiġilhom jgħaddu minnu, ma kienx dejjem bħala xi vaganza jew divertita. Ħafna drabi kienet il-ħtieġa ta' ħajja aħjar f'pajjiż differenti, filwaqt li f'każi iktar remoti kienu jinkludu avvanzi fi studji akkademiċi barra minn Malta.

## Sfond storiku

Xi Maltin telqu lejn Lixandra wara li l-Ingliżi assedjaw din il-belt fl-1822. Oħrajn issetiljaw fil-Kajr, Rosetta, Port Said, u s-Suez. Fl-1859, l-inġinier Franċiż Ferdinand de Lesseps beda x-xogħol fuq il-Kanal tas-Suez. Il-proġett attira eluf ta' ħaddiema mill-inħawi kollha tal-Mediterran, inkluż Malta. Fil-fatt nafu b'ħafna Maltin li emigraw lejn l-Eġittu f'dan il-perjodu biex ifittxu x-xogħol bħala bennejja, mastrudaxxi u ħaddieda. Meta tlesta l-Kanal tas-Suez fl-1869, kien hemm mat-7,000 Malti jgħix fl-Eġittu. Nistgħu ngħidu li sa tmiem is-seklu dsatax dan in-numru baqa' stabbli.

Maż-żmien twaqqfu diversi soċjetajiet ta' natura kulturali jew patrijottika fost il-komunità Maltija, li saħansitra bdiet tippubblika l-ġurnali u r-rivisti tagħha. Fl-1880, pereżempju, Carmelo Cachia waqqaf il-*Maltese Help of Cairo* bl-għan li joffri assistenza medika u finanzjara lill-membri tagħha. Fl-1910, imbagħad, ġiet varata *The Malta Benevolent Society* bl-inizjattiva ta' G. J. Vella. Fl-1912 il-Gvern Malti nieda fond biex jassisti lil dawn l-emigranti li kienu jsibu ruħhom f'xi diffikultajiet. Fl-1926 in-numru ta' Maltin residenti fl-Eġittu kien ilaħħaq l-20,000.[1] Madankollu, sa dan iż-żmien, l-Eġittu kien laħaq sar prattikament pajjiż indipendenti. Billi, matul is-snin tletin, il-preżenza Ingliża f'din l-art majnat qatigħ, il-qagħda tal-Maltin fl-Eġittu ma baqgħetx daqstant sikura.

Biswit l-Eġittu kien hemm iż-żewġ provinċji Libjani taċ-Ċirenajka u t-Tripolitanja. L-emigrazzjoni Maltija f'dawn l-inħawi kienet anqas konspikwa, peress li sal-1911 dawn il-provinċji kienu għadhom taħt il-ħakma Ottomana. Qabel din id-data kien hemm madwar elf Malti jgħixu fi Tripli jew Bengażi. Xi imprendituri Maltin ippreferew jissetiljaw hawn biex jistabbilixxu kuntatti kummerċjali mal-karovani tas-Saħara, anki jekk kellhom jikkompetu man-negozjanti Taljani u Lhud. Fl-1911, madankollu, l-Italja ddikjarat gwerra kontra t-Turkija u eventwalment ħadet il-Libja f'idejha. Fil-paniku, xi Maltin dabbru rashom lejn art twelidhom. Il-qagħda ta' dawk li baqgħu issa saret tassew imwiegħra, għax it-Taljani, sintendi, bdew jaġevolaw lil nieshom kemm setgħu. It-tensjoni kompliet tikber hekk kif il-Faxxisti ħadu l-poter fl-Italja. Fl-1924 Mussolini saħansitra beda jagħmel pressjoni fuq il-Maltin biex jirrinunzjaw iċ-ċittadinanza Ingliża u jħaddnu dik Taljana. F'din l-atmosfera ta' persekuzzjoni, il-komunità Maltija fil-Libja kważi nxtorbot għalkollox.[2]

L-okkupazzjoni tal-Alġerija mill-Franċiżi bdiet fl-1830 fi żmien l-Imperatur Louis Philippe. Il-Franċiżi stess bdew jinkoraġġixxu l-emigrazzjoni lejn din il-kolonja. Il-Maltin li laqgħu din is-sejħa sabu ruħhom imdawrin b'emigranti Taljani, Spanjoli u Griegi, apparti, m'għandniex xi ngħidu l-Għarab indeġeni. Ir-rivalità ta' bejn dawn il-gruppi etniċi kienet evidenti għall-aħħar. Ħafna mill-Maltin kienu foqra u



Leonardo Ellul



Pietro Balzan



Leonardo Grech

illitterati; madankollu, l-istamina u l-determinazzjoni proverbjali tagħhom għenithom jegħlbu l-ostakli inizjali. Eventwalment ħafna minn uliedhom ippreferew jieħdu ċ-ċittadninza Franċiża, u xi wħud minnhom saħansitra stagħnew bil-kbir.[3]

Il-moviment emigratorju lejn l-Afrika ta' Fuq b'mod ġenerali u l-Alġerija b'mod partikolari kien imħeġġeġ ukoll mill-Kardinal Charles Lavigerie. Dan il-prelat famuż waqqaf l-Ordni tal-*White Fathers* bl-iskop li jikkonverti ż-żona kollha lura lejn il-Kristjaneżmu. Fl-1882 huwa saħansitra żar Malta biex iħajjar lill-Gvern kolonjali jibgħat aktar nies fl-Afrika ta' Fuq. Il-preżenza ta' ħafna Ewropej f'dawn il-pajjiżi kienet, effettivament, il-qofol tal-aġenda tiegħu. Filwaqt li n-numru ta' Maltin fl-Alġerija fl-1847 kien ta' ftit aktar minn 4,600, in-numru kien tela' għal madwar 15,000 sal-1903.[4] Il-parti l-kbira tagħhom kienu joqogħdu fl-Alġiers, Bona u Philippeville.[5] Rapport amministrattiv maħruġ mill-Gvern Kolonjali Franċiż fl-1927 jiddefinixxi lill-Maltin bħala ċittadini bieżla u onesti. Fl-1930 Henry Casolani saħansitra saħaq li fl-Alġerija ltaqa' ma' imprendituri sinjuruni qalb il-komunità Maltija.

Il-Maltin kienu fost l-ewwel Ewropej li bdew jissetiljaw fit-Tuneżija, kolonja oħra Franċiża sa mill-1881. Biż-żmien issawru komunitajiet pjuttost imdaqqsa f'Tuneż u l-gżira ta' Ġerba, kif ukoll oħrajn iżgħar f'Monastir, Mehdia, Biżerta, Susa u Sfax. Sal-1842 kien hemm madwar 3,000 Malti fl-Alġerija kollha, u dan in-numru sal-1860 kien żdied għal 7,000. Wara l-1900, kien sar possibbli li l-barranin jixtru l-art fit-Tuneżija. Xi Maltin tat-tajjeb għamlu appuntu hekk u komplew jistagħnew. Fl-1927, Joseph Damato minn Sfax nieda skema biex nies tas-sengħa li tilfu xogħolhom fit-Tarzna jkunu jistgħu jmorru jaħdmu t-Tuneżija. Din l-iskema kienet suċċess u l-popolazzjoni Maltija hawnhekk kompliet toktor. Fl-ewwel deċennji tas-seklu għoxrin, fil-fatt, din kienet qabżet sew il-15,000 ruħ. L-unika problema li kellhom il-Maltin kienet il-kwistjoni taċ-ċittadinanza; anki l-Franċiżi għamlu minn kollox biex iġiegħlu lill-emigranti jirrinunzjaw il-passaport Ingliż tagħhom.[6]

Sal-Ewwel Gwerra Dinjija, il-parti l-kbira tal-emigranti Maltin baqgħu miġbudin lejn ix-xtut tal-Afrika ta' Fuq, fejn żviluppaw komunitajiet relattivament kbar li baqgħu jifjorixxu sa ftit wara t-Tieni Gwerra. Mill-bqija mill-għoxrinijiet 'il quddiem, beda jidher moviment migratorju ġdid hekk kif il-Maltin dawru ħarsithom lejn l-Amerika, il-Kanada, l-Awstralja u r-Renju Unit.

Ironikament, minkejja li l-Ingilterra kienet il-patruna tal-gżejjer Maltin, ftit kienu dawk il-Maltin li tħajru jemigraw lejn pajjiż daqstant imbiegħed u kulturalment aljen. Nafu li kien hemm komunità żgħira ta' Maltin f'Cardiff, imma mill-bqija l-preżenza ta' missirijietna f'din l-art għariba kienet tassew skarsa. L-Ewwel Gwerra Dinjija kompliet tressaq iż-żewġ popli lejn xulxin, u ppreċipitat numru konsideroveli ta' żwiġijiet imħallta. Xi nisa Maltin, sintendi, kellhom imorru r-Renju Unit biex jissetiljaw mal-irġiel tagħhom hemmhekk. Bejn l-Armistizju u Marzu tal-1920, ftit aktar minn madwar 225-il ħaddiem Malti, ħafna minnhom nies tas-sengħa ssensjati mid-*Dockyard*, emigraw lejn dan ir-reġjun.[7] Sal-1932 kolonja mdaqqsa ta' Maltin kienet fjorixxiet fl-inħawi ta' Commercial Road f'Londra. Hawn kienu jgħixu f'ambjent pjuttost armonjuż ma' ħafna emigarnti oħra minn nazzjonijiet differenti. Nafu wkoll b'komunitajiet iżgħar li nibtu f'Portsmouth u Chatham billi ħafna mill-Maltin kienu tarznari.

Sa nofs is-seklu dsatax, numru sabiħ ta' Maltin kienu ssetiljaw fil-portijiet ewlenin ta' Franza, bħal Marsilja u Bordeaux; xi wħud, aktar avventurużi, baqgħu telgħin saħansitra sa Pariġi. Xi Maltin spiċċaw Franza wkoll wara esperjenza f'xi wieħed mill-pajjiżi tal-Magreb, partikolarment it-Tuneżija u l-Alġerija. L-akbar komunità Maltija dejjem kienet f'Marsilja; fl-1912 kien hemm madwar 600 Malti fl-inħawi tagħha. Ħafna minnhom kienu jaħdmu fil-qasam tal-artiġjanat jew f'xogħol ta' natura marittima. In-numru ta' Maltin kompla jiżdied bis-saħħa tat-Trattat ta' Versailles wara tmiem l-Ewwel Gwerra Dinjija. Ftit aktar minn 600 Malti ieħor kienu offruti kuntratti ma' ditti privati; u dawk li ppersistew, eventwalment, bagħtu għall-familji tagħhom.[8] In-nixxiegħa migratorja bejn Malta u Franza bejn l-1919 u l-1930 ma kinitx kotrana imma almenu baqgħet stabbli. Lejn l-aħħar tas-snin għoxrin, il-qagħda tal-Maltin ħadet spinta 'l quddiem bis-saħħa tal-ħidma fejjieda tar-Rev. Angelo Camilleri li għamel minn kollox biex itejjeb ir-reputazzjoni mhux daqstant sabiħa li kellhom.

Għal ħafna Maltin, l-Italja kienet art qariba u ħanina. Fi żmien l-Ordni, l-emigrazzjoni lejn Sqallija u l-Italja tan-Nofsinhar kienet aktarx konspikwa. Biss lejn l-aħħar tas-seklu dsatax u l-bidu tas-


Pietru Pawl Ellul


Josephine Ellul


Angelo Spiteri

seklu għoxrin ma jidhirx li kien hemm xi moviment migratorju qawwi lejn dawn ir-reġjuni min-naħa tal-Maltin. Meta l-foqra tas-Sud sottożviluppat Taljan bdew jabbundunaw l-irħula u l-bliet bil-mijiet u bl-eluf biex imorru l-Afrika ta' Fuq, ma kienx jagħmel sens li l-Maltin ifittxu postijiet li aktarx kienu ifqar minn arthom stess. Price jikkalkula li fl-1885 fi Sqallija kien hemm madwar 500 emigrant ta' nisel Malti mxerrdin ma' Sqallija kollha.[9] Is-sitwazzjoni ħżienet ferm matul il-perjodu Faxxista peress li t-Taljani kienu jħarsu lejn il-Maltin, sa dak iż-żmien sudditi tal-Imperu Ingliż, b'ċertu suspett.

Ġibiltà kienet l-unika kolonja Ingliża fl-Ewropa kontinentali. Għall-Imperu din il-blata kienet l-bokka li tagħtihom aċċess prezzjuż għall-Mediterran u l-Kanal tas-Suez. Wara l-invażjoni Ingliża tal-1713, l-abitanti ħarbu lejn l-intern ta' Spanja; posthom eventwalment ħaduh emigranti mill-Marokk, Malta u l-Italja. Aktar tard xi Spanjoli infiltraw lura biex komplew joħolqu popolazzjoni multietnika. Ġibiltà stagħniet minħabba l-preżenza tal-flotta Ingliża, u parti l-kbira tal-Maltin li tħajru jemigraw lejn din l-art, fil-fatt, fittxew l-għejxien tagħhom fil-qalba tal-bażi navali. Fl-1885 kien hemm madwar elf Malta fuq din il-kolonja, imma dan in-numru kien laħaq niżel sa 700 fl-1912. Għalhekk fl-ewwel żewġ deċenji tas-seklu għoxrin il-komunità Maltija kienet f'deklin ineżorabbli.[10]

Kostantinopli u Smyrna kienu żewġt ibliet fi ħdan l-Imperu Ottoman. Billi kellhom ambjent kożmopolitan u multikulturali, ma kellhom ebda diffikultà biex jattiraw bosta strangieri interessati fin-negozju. L-Imperu Tork kien moribond u għalhekk kellu bżonn l-intrapriża kummerċjali tal-barranin biex forsi jkampa. Xi negozjanti żgħar u nies tas-sengħa Maltin tħajru jmorru t-Turkija għax kien hemm din id-domanda. R. Vadalà jiddeskrivi b'ċertu dettall il-komunità Maltija f'Kostantinopli fl-1912; l-istess awtur jikkalkula li għal xi żmien kien hemm madwar 3,000 Malti jgħixu fil-kapitali Torka.[11] Fl-1932 Kemal Ataturk ordna t-tkeċċija tal-barranin kollha minn pajjiżu. Il-Maltin kellhom idabbru rashom f'artijiet oħra; xi wħud irritornaw Malta ta' fuqhom senduqhom.

Fil-listi li ġejjin se nagħti xi ismijiet ta' Koppin li għal xi raġuni jew oħra siefru lejn l-Afrika ta' Fuq jew l-Ewropa fis-snin 1870-1940. Sintendi, mhux bilfors li kollha baħħru bl-intenzjoni li jemigraw b'mod permanenti. Il-listi lanqas ma jistgħu jitqiesu bħala eżawrenti għax ir-riċerka għadha għaddejja; dawn l-ismijiet jikkostitwixxu biss punt ta' tluq.

## Koppin li ħallew Malta f'dawn is-snin

| Ħruġ tal-passaport | Isem u età | Destinazzjoni |
|---|---|---|
| 10.07.1871 | Andrea Brincat (37), bin Paolo | Kostantinopli, it-Turkija |
| 26.08.1887 | Salvatore Cutajar (21), bin Leonardo | Tuneż, it-Tuneżija u l-Alġerija |
| 31.01.1891 | Roberto Agius (20), bin il-mejjet Antonio | L-Eġittu |
| 24.01.1898 | Antonio Sacco (19), bin Leonardo | L-Eġittu |
| 28.07.1908 | Leonardo Balzan[12] (20), bin Gio Maria | Tuneż, it-Tuneżija |
| 06.06.1911 | Francesco Callus (20), bin Leonardo | Ġibiltà |
| 09.10.1912 | Vincenzo Abdilla[13] (22), bin Joseph | Tripli, il-Libja |
| 19.10.1912 | Carmelo Ellul[14] (41), bin il-mejjet Gaetano | Tripli, il-Libja |
| 12.09.1913 | Spiridione Cutajar (40), bin Leonardo | l-Alġiers, l-Alġerija |
| 28.07.1914 | Giuseppe Taliana[15] (35), bin Gio Maria | Bona, l-Alġerija |
| 24.11.1919 | Carmelo Ellul[16] (33), bin Leonardo | Tuneż, it-Tuneżija |
| 26.08.1920 | Giusepe Axiak[17] (20), bin Andrea | L-Ingilterra |
| 13.03.1920 | Carmelo Bonnici[18] (27), bin Leonardo | Tuneż, it-Tuneżija |
| 20.07.1920 | Leonardo Ellul[19] (37), bin il-mejjet Gaetano | L-Alġiers, l-Alġerija |
| 01.01.1923 | Giuseppe Camilleri | Franza |

| | | |
|---|---|---|
| 06.06.1924 | Salvatore Azzopardi | Tuneż, it-Tuneżija |
| 13.01.1925 | Pietro Balzan | Tuneż, it-Tuneżija |
| 07.12.1925 | Paolo Cutajar | Tuneż, it-Tuneżija |
| 25.04.1927 | Leonardo Grech | L-Italja, Franza, ir-Renju Unit u Tuneż |
| 08.07.1928 | Pietro Paolo Ellul | L-Italja, Franza u Tuneż |
| 08.07.1928 | Giuseppa Ellul | L-Italja, Franza u Tuneż |
| 07.08.1933 | Angelo Spiteri | Franza u Tuneż |
| 14.05.1938 | Anthony Farrugia | Sqallija u l-kontinent |

## Xi osservazzjonijiet

L-aktar ħaġa evidenti hija li n-numru ta' Koppin li ħallew raħalhom biex ifittxu xortihom band'oħra kien sostanzjalment żgħir. Għalkemm seta' kien hemm xi oħrajn, li mhumiex elenkati f'din il-lista, l-għadd tagħhom ma setax kien bil-wisq akbar. Appati li Ħal Kirkop minn dejjem kien villaġġ ċkejken, jidher li bosta minn niesu kellhom ir-raba' tagħhom, u billi kienu awtosuffiċjenti ma ħassewx il-ħtieġa assoluta li jħallu kollox warajhom. Fil-maġġoranza tagħhom, dawk il-Koppin li ddeċidew li joħorġu mill-qoxra ta' raħal twelidhom kienu pjuttost żgħar fl-età. L-iżgħar applikant għall-passaport kien Antonio Sacco li fl-1891 kellu 19-il sena, filwaqt li l-akbar wieħed fosthom kien Carmelo Ellul li fl-1912 kellu 41 sena.

Il-Koppin li marru t-Tuneżija jidher li ssetiljaw fil-parti l-kbira tagħhom f'Tuneż; almenu dawk kollha msemmija hawnhekk hekk għamlu. Il-Koppin li marru l-Alġerija xterdu fl-Alġiers u Bona. Dawk li telqu lejn l-Eġittu nsibuhom fil-Kajr jew f'Port Said, mentri dawk li siefru lejn il-Libja sorġew fi Tripli.

Xi wħud telgħu bil-familja b'kollox. Fl-1913, ngħidu aħna, Spiridione Cutajar mar l-Alġiers ma' martu Vittoria u t-tliet uliedu subien, Nicola (ta' erbgħa snin), Loreto (ta' tliet snin) u Paolo (ta' sena). Huwa kien diġà joqgħod hemm, imma din id-darba ħa l-għeżież tiegħu miegħu. Oħrajn diġà kellhom xi qraba jew ħbieb jistennewhom f'xi wieħed mill-pajjiżi Afrikani; dawn, sintendi, kellhom naqra ta' vantaġġ fuq l-oħrajn peress li setgħu jintegraw aktar malajr. Giuseppe Taliana (1914) mar l-Alġiers biex jingħaqad ma' oħtu li kien ilha hemm sa mill-1896. Fl-1920 Giorgia Bonnici, imwielda Pulis, Qormija u mara tad-dar ta' 26 sena, telqet lejn Tuneż b'tarbija ta' tliet xhur, Giuseppe, biex tingħaqad ma' żewġha Carmelo, minn Ħal Kirkop, li kien wasal qabilha ftit qabel. Aktarx li ma marritx miegħu mill-ewwel għax qagħdet tistenna ż-żmien sa ma tiled.

Xi Koppin kellhom il-permess jidħlu f'żewġ postijiet jew aktar. Il-passaport ta' Salvatore Cutajar (1887) jindika li seta' jmur kemm it-Tuneżija kif ukoll l-Alġerija. Anthony Farrugia (1938) seta' jmur Sqallija u fl-Ewropa kontinentali (pajjiżi mhux identifikati), filwaqt li Angelo Spiteri (1933) seta' jmur Franza u t-Tuneżija. Pietro Paolo u Giuseppina Ellul (1928) setgħu jmorru l-Italja, Franza u t-Tuneżija, filwaqt li Leonardo Grech, apparti dawn it-tliet pajjiżi seta' jitla' wkoll l-Ingilterra.

Ħafna mill-Koppin kienu jemigraw minħabba l-qgħad jew forsi minħabba pagi miżerabbli u xogħol iebes li ma jrendix. Xi wħud lanqas biss kellhom xi sengħa partikolari: Giuseppe Axiak (1920) u Paolo Cutajar (1920) kienu sempliċiment *labourers*; Carmelo Bonnici (1920) kien iġorr il-faħam; filwaqt li Leonardo Ellul (1920) u Pietro Paolo Ellul (1928) kienu naġġara. Carmelo Ellul (1919) kien *assistant fitter*, mentri Leonardo Grech (1927) huwa deskritt bħala student. Ironikament l-unika professjonista kienet mara – fil-passaport tagħha, Giuseppina Ellul (1928) hija mniżżla bħala għalliema. Il-każ ta' din il-mara, bint Angelo Ellul, huwa interessanti għax tmien snin qabel, meta kienet għadha assistenta, hija kienet diġà marret l-Amerika.

Jidher li qabel ma ssugraw jmorru l-Amerika, il-Kanada jew l-Awstralja, kien hemm xi Koppin li kienu midħla tas-safar, għax kienu diġà marru f'xi pajjiż Mediterranju. B'dan il-mod kienu kisbu ċerta


Antonio Farrugia


Carmelo Bonnici


Salvatore Azzopardi

esperjenza qabel ma tħajru jitbiegħdu aktar. Hekk, pereżempju, fl-1920 Vincenzo Abdilla kien mar Tripli ta' 22 sena, filwaqt li tmien snin wara, ta' tletin, emigra lejn l-Istati Uniti u ssetilja f'Michigan, Detroit. Carmelo Ellul, fl-1919, mar Tuneż ta' 33 sena, imma fl-1930 insibuh fi triqtu lejn New York.

L-aktar kunjomijiet imsemmija huma Cutajar u Ellul. Carmelo Ellul (1919) u Leonardo Ellul (1920) kienu aħwa. Dan nafuh mhux biss għax missierhom kien il-mejjet Gaetano, imma wkoll għax it-tnejn kienu joqogħdu fl-istess indirizz. Mhux il-Koppin kollha msemmija f'dan l-artiklu kienu jgħixu r-raħal. Andrea Brincat (1871) kien residenti l-Imqabba, filwaqt li Spiridione Cutajar (1913) kien residenti s-Siġġiewi.

Fid-dokumenti tal-passaporti ġieli kienu jindikaw jekk l-applikant kienx kapaċi jiffirma ismu, imqar jekk imħarbex. Il-parti l-kbira tal-Koppin li jidhru fil-lista jidher li kienu litterati jew semilitterati.

**Nota tal-awtur**. Nirringrazzja minn qalbi lis-Sur Mark Caruana ta' Sidney, l-Awstralja, għall-għajnuna indispensabbli u s-suġġerimenti utli tiegħu. Jekk xi qarrejja jridu b'xi mod jikkummentaw fuq dak li ktibt f'dan l-artiklu, jistgħu jikkuntattjawni f'dan l-indirizz elettroniku: mario.cassar@um.edu.mt.

**Referenzi**

1 LAWRENCE E. ATTRAD, *The Great Exodus (1918–1939),* Malta: PEG, pp. 24–25.

2 ATTARD, pp. 25–26.

3 ATTARD, pp. 26–27. Ta' min jgħid li teżisti evidenza ċara li turi li xi Maltin kienu diġà jgħammru u jaħdmu fl-Alġerija qabel l-1830.

4 ATTARD, p. 27.

5 Għal informazzjoni dettaljata dwar l-esperjenzi tal-Maltin fl-Alġerija ara ANDREA. L. SMITH, *Colonial Memory and Postcolonial Europe. Maltese Settlers in Algeria and France,* Bloomington & Indianapolis: Indiana Unvesristy Press, 2006.

6 ATTARD, p. 29. Fl-1926, il-popolazzjoni tal-Maltin fl-Alġerija u t-Tuneżija f'daqqa kienet tlaħħaq mat-30,000 ruħ.

7 ATTRAD, p. 31.

8 ATTARD, pp. 29–30.

9 PRICE, p. 230.

10 ATTARD, p. 32.

11 ATTARD, pp. 22–23. L-istess ċifra jagħti PRICE (p. 230) għas-sena 1885.

12 Kien joqgħod 1, Strada Magazzin.

13 Kien joqgħod 14, Strada Maggiore.

14 Kien joqgħod 19, Strada Maggiore.

15 Kien joqgħod 16, Strada San Benedetto. Għal xi raġuni mhux magħrufa fuq il-passaport għandu mniżżla twissija.

16 Kien joqgħod 3, Strada Carmine.

17 Kien joqgħod 15, Strada Valletta.

18 Kien joqgħod 25, Strada Maggiore.

19 Kien joqgħod 19, Strada Maggiore.